MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 76/2012

Kawza fil-lista: 31

**X K**
**vs**
**V K; Direttur tar-Registru Pubbliku; Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar b' digriet tal-11 ta' Marzu 2012 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri Y K**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu wara li ppremetta :-

1. Illi minn relazzjoni li hu kellu barra z-zwieg, mal-konvenuta V K twieldet tarbija nhar l-ghaxra (10) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004);

2. Sussegwentement, nhar is-sittax (16) ta' Awissu tas-sena elfejn u erbgha (2004) hu, l-attur, izzewweg lill-konvenuta V K ;

3. Illi ftit tal-gimghat ilu, rrizultalu li l-minuri Y K mhiex il-wild naturali tieghu, kontra dak li dejjem gie mgharraf lilu mill-konvenuta V K, u dwar dan l-konvenuta V K illum m'ghandiex kontestazzjoni;

4. Illi hu ma jridx illi jibqa' jidher li hu missier il-minuri Y K fuq ic-certifikat tat-twelid meta mhux fil-fatt missierha, u ghaldaqstant billi jrid jichad milli jaghraf lill-minuri Y K bhala bintu naturali, kellha ssir din il-kawza;

Talab li din il-Qorti :-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-minuri Y K mhiex il-wild naturali tal-attur u li l-attur mhuwiex il-missier naturali tal-istess minuri;

2. Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri Y K, mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier il-kliem "X K", in-numru tal-karta tal-identita' tal-attur, il-professjoni jew sengha tal-attur, l-eta', il-post tat-twelid u residenza tal-attur kif ukoll isem u kunjom missier l-attur, u jekk l-imsemmi missieru huwiex haj jew mejjet, u tordna kull modifika ohra in vista tal-ewwel talba u jekk mehtieg f'kull att iehor relattiv u ssussegwenti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta V K ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur.

Rat ir-rikors ta’ l-attur u d-digriet taghha ta’ 1 ta’ Mejju 2012 li permezz tieghu laqghet it-talba u nnominat lill Av Mark Busuttil u lill-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha espona li din il-kawza titratta kawza ta’ *denegata paternitá* u r-rikorrenti jehtieglu jipprova u jissodisfa tal-inqas wahda mic-cirkostanzi komminati fl- Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

1. Illi mhuwiex edott mill-fatti tal-kawza u ghalhekk jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti u attiz in-natura partikolari ta’ din l-azzjoni odjerna l-esponenti jhoss opporetun li huwa fl-ahjar ionteress tal-minuri Y K li din l-Onorabbli Qorti tuza’ s-setgha taghha that l-Artikolu 70 (3) billi tistieden lill-partijiet involuti f’dawn il-proceduri sabiex joqghodu ghall-ezamijiet u l-analiziz mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x-taqsam mal-kaz;

2. Illi fi kwalunque kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir tieghu – id-Direttur - u kwindi huwa m’ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjes tal-kawza .

Rat l-atti kollha

Ikkunsidrat

**Provi.**

l-attur kellu relazzjoni mal-konvenuta barra z-zwieg, u konsegwentement twieldet tarbija Y K nhar l-ghaxra (10) ta’ Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004). Sussegwentement l-attur izzewweg lill-konvenuta V K nhar is-sittax (16) ta’ Awissu tas-sena elfejn u erbgha (2004). Ftit tal-gimghat ilu, martu V K gharfitu li kontra dak li kien dejjem jahseb, il-minuri Y K ma kienetx il-wild

naturali tieghu. Sar it-test tad-DNA fil-mori tal-kawza u r-rizultanzi kkonfermaw li l-attur ma kienx il-missier naturali tat-tarbija. –Fil-fatt l-analista Dr Marisa K, taht gurament, ezebit, , ‘’DNA Paternity Test Report’’ rilaxxjat minnha stess, li jiccertifika li l-probabilita li l-attur X K mhux il-missier naturalit tal-minuri Y K.
Peress li isem l-attur tnizzel bhala missier it-tarbija fic-certifikat tat-twelid meta mhux fil-fatt missierha, kien ghalhekk mehtieg li tigi ntavolata kawza sabiex sabiex ic-certifikat tat-twelid tal-minuri Y K jigi amendat u jiccertifika dan.

**Konsiderazzjonijiet**

Fl-ewwel lok jirrizulta li din hija kawza ta’ *denegata paternita* u giet intavolata fit-terminu legali dettat mill-Artikolu 70 (1) (d) tal-Kapitolu 16:

*(d) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi martu kienet ghamlet adulterju jew kienet hbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor (li jista wkoll ikun testijiet u provi genetici u xjentifici) li x’aktarx jeskludi dik il-paternita’”*
Jirrizulta wkoll li l-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-terminu tal-artikolu 75 tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi:-
*(1) L-azzjoni sabiex tincahad il-paternita ghandha titmexxa –*

*(a) kontra t-tifel jekk ikun tal-eta; jew*
*(b) jekk ma jkunx tal-eta jew ghal raguni ohra ma jkunx tajjeb biex joqghod f’kawza kontra kuratur mahtur mill-Qorti li quddiemha tingieb il-kawza: izda l-Qorti tista’ tahtar it-tutr li t-tifel ga jkollu;*
*(2) F’kull kaz, l-omm ghandha tigi msejha fil-kawza.*

U fit-termini ta’ l-artikolu 73 (c) tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi:
*“Fil-kaz illi r-ragel jista jaghmel l-kawza sabiex jichad li jaghraf tifel bhala ibnu, hu ghandu jaghmel l-azzjoni:*
(c) *fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien gie lilu mohbi.*

Una volta l-azzjoni promossa mill-attur hija intiza sabiex tbiddel radikalment il-kontenut ta' att tat-twelid l-Qorti hija fid-dover timxi b'kawtela kbira stante li l-akkoljiment ta' talba ghad-*denegata paternita* twassal ghal krejazzjoni ta' qaghda guridika gdida ghall-minuri in sostituzzjoni ta' dik attwali.

Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 70 (1) fuq citat tirnexxi jehtieg illi jigu sodisfatti is-segwenti tlett rekwiziti:-
1. L-azzjoni promossa mir-ragel tigi istitwita kontra (a) il-mara tieghu (b) u l-wild taghha jew kuratur nominat.

2. Fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jinkixef il-qerq.

3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.

Mill-atti jirrizulta li t-tlett rekwiziti huma sodisfatti.

**Decide.**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa l-ewwel talba u tiddikjara illi l-minuri Y K li twieldet lil-konvenuta fl-10 ta' Mejju 2004 mhiex il-wild naturali tal-attur X K;

2. Tilqa' t-tieni talba fl-intier taghha u tordna lill-konvenuta Direttur jaghmel l-emendi kollha mitluba b'dan illi ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri Y K, mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier il-kliem "X K'', in-numru tal-karta tal-identita' tal-attur, il-professjoni jew sengha tal-attur, l-eta', il-post tat-twelid u residenza tal-attur kif ukoll isem u kunjom missier l-attur, u jekk l-imsemmi missieru huwiex haj jew mejjet, u tordna li minflok jitnizzlu l-kliem "missier mhux maghruf";

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta V K.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------